# *Laqgħa Urgenti tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 30*

*7.00p.m 27 t'April, 2021*

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online.

## *30.1 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Mandat tal-Bus Shelters*

30.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi għamel introduzzjoni dwar il-kwistjoni kollha tal-bus shelters u kif fil-liġi tal-Kunsilli Lokali l-istages tal-linja huma propjeta' tal-Kunsill Lokali. Huwa qal li fl-2001 il-kumpanija FACES għamlet ftehim mall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bl-approvazzjoni tal-Kunsilli Lokali bil-għan li tbiddel dawk li kienu bus shelters qodma u tal-gebel għal bus shelters moderni kif nafuhom illum. Biex seħħ dan Assoċjazzjoni għaġġixxiet f'isem il-Kunsilli Lokali sabiex FACES tieħu ħsieb il-manteniment ta' dawn l-istages għal perjodu ta' għaxar snin, liema kuntratt baqa' jiġi mġedded sas-sena 2028.

30.1.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega wkoll kif matul dawn l-aħħar xhur kien hemm bus shelter partikolari dik ta' Aldo Moro (quddiem il-One TV) fejn din tneħħiet min Infrastructure Malta mingħajr ebda awtorizzazzjoni mill-Kunsill Lokali tal-Marsa, u din qatt ma tpoġġiet lura. Il-kumpanija FACES avviċinat l-Kunsill Lokali peress li din il-bus shelter xorta waħda hija propjeta' tal-Kunsill. Kien hawn li sar mandat urġenti u li sar mingħajr ma din telgħat fl-laqgħa tal-Kunsill, sabiex il-Kunsill jissalvagwardja dak li huwa tiegħu u fl-istess nevitaw ir-riskju serju li l-kumpanija FACES tkun qed tfittex il-Kunsill għad danni. Madankollu, is-Sindku għaraf li fost il-Kunsilliera kien hemm bosta li ma qablux ma din id-deċiżjoni, kif deher fl-laqgħa preċedenti waqt il-kommunikazzjoni tas-Sindku. Kien għalhekk li ssejħet din il-laqgħa urġenti sabiex il-Kunsill jkun jista' jiddeċiedi jekk ikomplix bil-kawza hekk kif il-mandat jiskadi wara għoxrin jum jew jwaqqa dan il-mandat. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ġibet għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-mandat li ressaq kontra Infrastructure Malta intlaqa' mill-Maġistrat preżenti. Bill-għan li l-Kunsill ikun mgħarraf sewwa dwar l-implikazzjonijiet ta' din id-deċiżjoni u dwar l-għażliet li ser ikollu jieħu huwa talab lill-avukat id-Dott. Mattia Felice sabiex jagħti d-dettalji neċessarji lill-membri preżenti dwar il-każ fuq l-aspetti legali kollha.

30.1.3 Il-laqgħa ġiet sospiża.

30.1.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara d-diskors tal-avukat jixtieq iressaq mozzjoni, li ġiet ssekondata mill-Kunsillier s-Sinjura Charmaine Aquilina. Il-mozzjoni hija li l-Kunsill Lokali tal-Marsa għandhu jiftaħ kawża kontra Infrastructure Malta. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri, il-Kunsillier is-Sur Francis Debono, il-Kunsillier is-Sur Colin Pace, il-Kunsillier is-Dur Dominic Spencer u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia vvutaw kontra din il-mozzjoni. B'hekk kien hemm ħames voti kontra din il-mozzjoni u tnejn favur. B'hekk din il-mozzjoni m'għadditx.

30.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li minflok kawza għandha tintbgħat ittra legali lill-Infrastructure Malta u talab biex jagħmel kontra mozzjoni, liema mozzjoni ġiet ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer; Fil-kuntest li ħadet il-Qorti li tgħat raġun lill-Kunsill Lokali

Marsa, l-Kunsill qed twissi lil Infrastructure Malta biex din il-kwistjoni ma terġax tirrepeti ruħha. Il-Kunsill ser ikun qed jirriserva d-dritt li jieħu passi legali jekk kemm-il darba jiġi soġġett li jittieħdu passi legali kontra tiegħu mill-kumpanija FACES li għandha kuntratt mall-Kunsill Lokali Marsa flimkien mall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill jitlob ukoll li jekk kemm-il darba jsir xi riklamar, jirriserva d-dritt li dan ma jsirx. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia vvutaw ukoll favur din il-mozzjoni. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi astjena filwaqt li l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina vvutat kontra. B'hekk il-mozzjoni għaddiet b'ħames voti favur, wieħed kontra u astensjoni waħda.

## *30.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

30.2.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.30p.m u ġiet aġġornata għas-6 ta' Mejju fit-5.30pm online kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |